**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Awwissu, 2023**

Rikors Numru: 234/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 1602/2011)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar is-sittax (16) t' Awwissu tas-sena elfejn u ħdax (2011) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi r-rikorrent u l-intimata minn dan iż-żwieg ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-sittax (16) t'Ottubru tas- sena elfejn u sbatax (2017) b'kuntratt redatt fl-atti tan-Nuttar Dottor Mario Bugeja li jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dok B';

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi r-rikorrent u l-intimata rrinunzjaw mid-dritt li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal- partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta’ Mejju 2023;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi ilhom legalment separati sa mis-16 ta’ Ottubru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.